



Pietro Russo

Imwield f'Sirakuża, l-Italja, fl-1952.

Edukazzjoni:

Lawrja tal-ewwel klassi fil-Liġi *cum laude* mill-Università ta' Catania (1975)

Dħul fl-avukatura (1977)

Esperjenza professjonali:

Fl-1977 Pietro Russo ddaħħal fl-avukatura. Mill-1977 'il quddiem ħadem bħala mħallef f'diversi qrati. Fl-1985 ingħaqad mal-Qorti tal-Awdituri Taljana, fejn ħadem fl-uffiċċju ta' Palermo bħala prosekutur pubbliku, prosekutur pubbliku superjuri (1987) u prosekutur pubbliku prinċipali (1989).

Fl-1991 is-Sur Russo ġie sekondat lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħala espert nazzjonali, fejn ħadem sal-1992 fis-settur responsabbli għall-awditjar tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Bejn l-1993 u l-2003, serva bħala l-kap tal-kabinett tal-Membru Taljan tal-Qorti.

Fl-2003, mar lura l-Italja, fejn ingħaqad mat-taqsimi ċentrali tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri Taljana għal amministrazzjonijiet tal-istat u sar membru tat-taqsimi tal-konsulenza konġunta tal-awli konġunti; mill-2005 sal-2008, kien jirrappreżenta l-Italja fil-Kulleġġ tal-Awdituri għall-mekkaniżmu Athena għall-finanzjament ta' operazzjonijiet militari tal-UE, fejn ġie elett President fit-30 ta' Ġunju 2006; mill-2008 sal-2011, kien jirrappreżenta l-Italja bħala membru tal-Bord tal-Awdituri tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), li ppreseda mit-30 ta' Ġunju 2010 'il quddiem. Mill-1996 'il hawn, kien ukoll membru tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità f'Angers.

Mill-2009 'il hawn, irrappreżenta l-Italja bħala membru tal-Bord Internazzjonali tal-Awdituri għan-NATO (IBAN).

Is-Sur Russo kellu għadd ta' karigi pubbliċi, inklużi dawn li ġejjin: espert li jirrappreżenta l-Italja fi GRECO, il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni, tal-Kunsill tal-Ewropa, membru tal-Kumitat għall-evalwazzjoni tal-investimenti u l-appoġġ għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-miżuri ambjentali fil-Ministeru tal-Ambjent; membru tal-Kumitat Interministerjali responsabbli għall-kunsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għal kumpens u kontribuzzjonijiet b'rabta mat-telf imġarrab miċ-ċittadini extra-Ewropej, fil-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi.

Is-Sur Russo tħaddet f'konferenzi u seminars fil-qasam tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-awditu tal-baġit Komunitarju u l-ġlieda kontra l-frodi. Huwa wkoll l-awtur ta' bosta notamenti u artikoli, ippubblikati fil-ġurnali legali fl-Italja u barra l-Italja, fl-oqsma tad-Dritt Ċivili, il-Proċedura Ċivili, id-Dritt Amministrattiv, il-kontabbiltà pubblika, id-Dritt Komparattiv u d-Dritt tal-Unjoni Ewropea. Huwa għalliem ukoll bħala professur fl-organizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Komunità fl-Università ta' Catania.

Pietro Russo sar Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-1 ta' Marzu 2012. Huwa Membru tal-Awla IV "Dħul, Riċerka u politiki interni, u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea".

Pubblikazzjonijiet:

“La Corte dei Conti italiana dopo la riforma e la Corte dei Conti Europea dopo Maastricht: mutamenti e nuove occasioni di lavoro comune”, f'*Rivista della Corte dei Conti* nru 2/1994.

“La Corte dei Conti – Istituzione comunitaria: note in tema di capacità processuale”, f'*Il Foro Amministrativo*, nru 6/1994.

“Il problema del Marchio Frazionato ed il nuovo regime del marchio comunitario”, f'*Giustizia Civile*, nru 2/1995.

“The administrative liability of the officials of the European Communities. Problems and Prospects”, f'*The European Union Review*, nru 2/1997.

“Controlli, uno sguardo sull'Europa – Evoluzione della certificazione dei conti”, f'*Italia Oggi*, it-18 ta' Lulju 2002.

“La certificazione dei conti pubbliċi in Italia e in Europa: raffronti comparativi”, f'*Rivista della Corte dei Conti* (nru 5/2002) u l-minuti tal-Konvenzjoni “La certificazione dei conti pubbliċi in Italia e in Europa: Tradizione e Prospettive evolutive”, organizzata mill-Qorti tal-Awdituri Taljana.

“Le contrôle des dépenses des collectivités décentralisées en Italie”, f'*Administration – Revue de l'Association du Corps Préfectoral et des Hauts Fonctionnaires du Ministère de l'Intérieur*, Marzu 2002.

“Il controllo successivo della Corte dei Conti sulle Amministrazioni dello Stato dopo le riforme degli anni '90: una sistemazione concettuale”, f'*Rivista della Corte dei Conti*, nru 4/2004.

“El procedimiento de ratificación del Tratado de Lisboa: situación actual”, f'*Legal Today.com*, 2008

“Codice operativo del TUE e del TFUE”, ed. Simone, 2012: Awtur tal-kumment għall-artikoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jikkonċernaw il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.